REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/1568

tal-15 ta' Settembru 2017

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509 tat-30 ta' Awwissu 2017 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 329/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 47(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Awwissu 2017, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2017/1509.

(2) Fil-11 ta' Settembru 2017, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 2375 (2017), li żiedet persuna u tliet entitajiet mal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.

(3) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness XIII għar-Regolament (UE) 2017/1509 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness XIII għar-Regolament (UE) 2017/1509 għandu jiġi emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Settembru 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

M. MAASIKAS

([1]) ĠU L 224, 31.8.2017, p. 1.

ANNESS

Il-persuni u l-entitajiet elenkati hawn taħt għandhom jiżdiedu mal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi li jinsabu fl-Anness XIII għar-Regolament (UE) 2017/1509.

(a) **Persuni fiżiċi**

	Isem	Psewdonimu	Identifikaturi	Data tad-dežinjazzjoni min-NU	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet
63.	Pak Yon Sik		Nazzjonalità: RDPK Sena tat-twelid: 1950	11.9.2017	Membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija responsabbli għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki militari tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, jikkmanda u jikkontrolla l-forzi militari tar-RDPK, u jgħin fit-tmexxija tal-industriji tad-difiża militari tal-Istat.

(b) **Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi**

	Isem	Psewdonimu	Post	Data tad-dežinjazzjoni min-NU	Informazzjoni oħra
51.	Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea (CMC)		Pyongyang, RDPK	11.9.2017	Il-Kummissjoni Militari Ċentrali hija responsabbli għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki militari tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, jikkmanda u jikkontrolla l-forzi militari tar-RDPK, u jidderieġi l-industriji tad-difiża militari f'koordinazzjoni mal-Kummissjoni għall-Affarijiet tal-Istat.
52.	Dipartiment tal-Organizzazzjoni u l-Gwida (OGD)		RDPK	11.9.2017	Id-Dipartiment tal-Organizzazzjoni u l-Gwida huwa korp b'saħħtu ħafna tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea. Dan jidderieġi l-ħatriet prinċipali tal-persunal għall-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, il-forzi militari tar-RDPK u l-amministrazzjoni tal-gvern tar-RDPK. Għandu wkoll l-għan li jikkontrolla l-affarijiet politiċi kollha tar-RDPK u huwa strumentali fl-implimentazzjoni tal-politiki ta' ċensura tar-RDPK.
53.	Dipartiment tal-Propaganda u l-Aġitazzjoni (PAD)		Pyongyang, RDPK	11.9.2017	Id-Dipartiment tal-Propaganda u l-Aġitazzjoni għandu kontroll sħiħ tal-media, li jużaha bħala mezz biex jikkontrolla l-pubbliku f'isem it-tmexxija tar-RDPK. Id-Dipartiment tal-Propaganda u l-Aġitazzjoni jinvolvi ruħu wkoll fiċ-ċensura mill-Gvern tar-RDPK u huwa responsabbli għaliha, inkluża ċ-ċensura tal-gazzetti u x-xandir.